MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Numru 426/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**

**VS**

**DOLORES CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Dolores Camilleri ta’ 52 sena, bint il- mejjet Anthony Mifsud u Catherine nee’ Sammut, mwielda Qormi fit- 22 ta’ Awissu 1953 u residenti fil- fond Nru. 1, ‘ Kimera’, Triq id- Dejma, Naxxar, u detentrici tal- karta tal- identita’ bin-numru 644353 M:

Talli fil- 25 ta’ Awissu 2005 ghall-habta ta’ 3.00am, gewwa Triq iz- Zenqa, Naxxar u f’dawn il- Gzejjer:

1) bil- hsieb li taghmel hsara lil Michael Camilleri ID 665556(M), akkuzat lil din il- persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, filwaqt li kienet taf li dik il- persuna hija innocenti ghal- fatt biss li tkun akkuzatha;

2) u aktar talli bejn il- 15 t’ Awissu u l- 25 t’ Awissu 2005 b’diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l- ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, gieghelet, bl- awtorita’ taghha nfisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil Michael Camilleri ID 665556(M) fil- pusses ta’ hwejjgu jew b’xi mod iehor, kontra l- ligi indahlet fi hwejjeg haddiehor;

3) u aktar talli fil- 25 ta’ Awissu 2005 ghal habta ta’ 3.00am bil- lejl, kisret il- mistrieh tan- nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor;

4) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret volontarjament il-bon-ordni jew il- kwiet tal- pubbliku b’ghajjat u glied;

5) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbet kontra Michael Camilleri ID 665556(M) sabiex tingurjah, iddejjqu jew taghmel hsara lil din il- persuna jew lil haddiehor, kemm il- darba il- fatt ma jkunx jaqta’ taht xi dispozizzjoni ohra ta’ dan il- Kodici;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza;

**Ikkonsidrat:**

In linea preliminari, l-Qorti tirrileva li ghas-smigh ta' din il-kawza inzammu xejn anqas minn disgha w tletin (39) seduta, li minnhom kien hemm ghaxar (10) seduti biss fejn tressqu provi, u seduta wahda fejn il-Qorti kienet indisposta. Is-seduti l-ohra kollha, ghal xi raguni jew ohra, ma sar xejn fihom, u l-qorti ghalhekk tigbed l-attenzjoni tal-partijiet ghal dan il-fatt, u ghalkemm *ormai* hu tard, tiddeplora dan it-telf ta' zmien ghal xejn.

Illi fil-mertu, dan kien kaz kumbattut hafna miz-zewg nahat. Il-fatti tal-kaz huma fil-qosor is-segwenti. L-imputata ghaddejja minn process ta' separazzjoni minn mar-ragel, il-*parte civile* Michael Camilleri, u waqt din is-separazzjoni xejn amikevoli, u fost hafna inkejja infantili miz-zewg nahat, inqala' dan l-incident. F'Awwissu tal-2005, Michael Camilleri kien imsiefer fuq btala, u l-imputata sgassat l-ufficcju tieghu fid-dar matrimonjali u hadet xi oggetti, fosthom il-'computer' tar-ragel, fejn sabet dak li hi sejhet materjal pornografiku bit-tfal. F'dan kollu kienet assistita minn Investigatur Privat. Meta Michael Camilleri gie lura mis-safar fil-25 ta' Awwissu u nduna b'li kien gara, inqala' argument id-dar, hu telaq, u l-imputata marret l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar biex tirrapporta. Sakemm stenniet li jigu l-Pulizija, peress li l-Ghassa kienet maghluqa, gie r-ragel taghha, hadilha l-basket bl-oggetti personali taghha, huma t-tnejn inqabdu f'xulxin, u Michael Camilleri irnexxielu jahrab minn fuq il-post.

Dan l-incident kollu gie deskritt fi-dettalji kollha immaginabbli *minuto per minuto* minuzzjozament miz-zewg partijiet fix-xiehda taghhom, izda l-Qorti qieghedha tissintetizza dak li ntqal f'ghexieren ta' pagni fil-process f' paragrafu qasir.

Sussegwentement, wara dan l-incident, l-imputata ddecidiet li tirrapporta lir-ragel taghha lill-Pulizija fuq

pussess ta’ materjal pornografiku li jinvolvi t-tfal, precizament ‘teens’, u li giet aggredita u msawwta minnu. Michael Camilleri kien fil-fatt gie arrestat u nvestigat mit-Taqsima ta’ Kontra l-Vizzji fi hdan il-korp tal-Pulizija, izda kien gie rillaxxjat wara li l-investigazzjoni giet konkluza. F’dan l-istadju l-Pulizija bdiet tinvestiga lill-imputata talli ghamlet rapport falz fuq ir-ragel taghha, talli hadet il-ligi b’idejha bir-reat ta’ ragion fattasi, u talli hebbet ghal Michael Camilleri biex iddejjqu u tingurjah u kisret il-mistrieh tan-nies u l-paci pubblika u l-buon ordni. B’hekk gew istitwiti l-proceduri kontra taghha fil-kaz in esami.

Mill-provi prodotti rrisulta li effettivament Dolores Camilleri kienet sgassat l-ufficcju tar-ragel taghha u hadet xi oggetti tieghu minn hemm gew. Ghalkemm hi kienet assistita minn Investigatur Privat kif gia’ inghad qabel, dan ir-reat ghandu jigi attribwit lill-imputata. Illi kif gie ritenut mill-Qrati taghna, l-elementi kostituttivi tar-reat taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha;

1. att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta’ dan il-hadd iehor;
2. il-kredenza li l-att qed isir b’ esercizzju ta’ dritt;
3. il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel “di privato braccio” dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita’ pubblika;
4. in-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

(Ara App. Krim. Pul. v Carmelo Galea, 4/11/2004 u ohrajn)

Dak li wettqet Dolores Camilleri fuq il-proprjeta’ tar-ragel taghha jinkwadra ruhu perfettament f’dan ir-reat, billi hi pprivatu mill-pussess ta’ hwejgu minghajr ma kellha l-awtorizzazzjoni taghmel dan, haga li setghet ghamlet facilment bi proceduri Civili ghal dak l-istess skop. Hu inutili li l-imputata tipprova tiskolpa ruhha billi tghid li mxiet fuq il-parir tal-Investigatur Privat li kellha dak iz-zmien. Jekk hi mexxiet fuq parir zbaljat ta’ haddiehor, xorta hi tahti ta’ dak l-ghemil, u hadd izjed. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, it-tieni imputazzjoni giet ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, hawnhekk ukoll il-provi juru li l-imputata irrappurtat lir-ragel taghha talli kellu fil-pussess tieghu materjal pornografiku - li kien jinkludi minorenni - fil-‘computer li kien ittiehed mill-ufficcju tieghu, u allegat ukoll li r-ragel kien aggrediha u kkagunalha feriti ta’ natura gravi barra l-Ghassa tal-Pulizija n-Naxxar. Ghar-rigward tal-ewwel rapport, l-imputata tghid li hi ma kienetx taf x’kien fih ezatt il-‘computer’, izda li l-Investigatur li hi kienet inkarigat gharrfitha li hemm dan il-materjal pornografiku. Dan irrizulta b’mod car miz-zewg stqarrijiet moghtija mill-istess imputata fl-investigazzjonijiet kontriha. Bid-dovut rispett, huwa inverosimili ghall-Qorti li persuna tmur tirrapporta lill-persuna ohra lill-Pulizija fuq reat daqshekk serju minghajr ma tivverifika l-fatti sew. Qatt ma kien messha tirrapporta li xi hadd ikkommetta reat jekk ma kienetx certa li dak ir-reat effettivament sar, sakemm ma kellhiex skopijiet ulterjuri, bhal li toqghod tinki lir-ragel taghha – kif del resto jidher mill-istess atti li z-zewg nahat ihobbu jaghmlu lil xulxin. Li zewg persuni adulti u suppost maturi jinku lil xulxin  bl-attributi fizici ta’ xulxin hu digia’ infantili bizzejjed, izda li tqabbad lill-Ufficjali tal-Pulizija jivestigaw reat li int m’intix cert li sar, huwa hafna aktar serju minn hekk.

Tal-istess serjeta’ ukoll hu li tallega li persuna tkun aggredietek u kkagunatlek feriti gravi meta dan ma kienx minnu, kif fil-fatt ghamlet l-imputata. L-ewwel qalet li zewggha kien aggrediha u weggaghha fl-incident barra l-Ghassa, tant li esebiet certifikati medici li juru griehi gravi fuq il-persuna taghha, izda meta bdiet tigi investigata mill-Pulizija fuq dan ir-rapport, qalet li wegghet meta’ waqghet waqt li hi qamet tigri ghar-ragel taghha meta dan hadilha l-basket barra l-Ghassa u kienu qed jissaraw mal-basket taghha. Dan ukoll irrisulta miz-zewg stqarrijiet tal-imputata esebiti fl-atti, apparti li mis-smigh tax-xhieda ma rrizultax li Michael Camilleri kien fil-fatt refa’ idu fuqha u sawwatha.

Ghalhekk jidher ghall-Qorti li Dolores Camilleri xjentement akkuzat lir-ragel taghha b’reati li jew hi kienet taf – bhall-kaz tal-griehi fuqha – jew messha ivverifikat sew – bhall-kaz tal-pornografija tat-tfal – li ma kienux minnhom. U

ghalhekk il-Qorti qieghedha ssibha hatja ukoll tal-ewwel imputazzjoni.

Ghar-rigward tat-tlitt imputazzjonijiet l-ohra, li huma ta' natura kontravvenzjonali, dawn fil-fehma tal-Qorti ma rrisultawx, u ghalhekk l-imputata qed tigi lliberata minnhom. Jekk xejn, l-incident ta' barra l-Ghassa ma sehhx minhabba fl-agir taghha, u ghalkemm ippruvat tiehu lura l-affarjiet taghha b'kull mezz li kellha u zgur kien hemm xi ghajjat, ma kienetx hi li pprovokat l-incident u ma hebbetx ghal Michael Camilleri jew agixxiet b'xi mod li kisret il-mistrieh tan-nies jew il-buon ordni u l-paci pubblika.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, li fil-fatt huma l-aktar gravi u serji. Kwantu ghall-piena, il-Qorti qieghedha zzomm f'mohhha diversi fatturi. Min-naha wahda, li l-imputata hi persuna estraneja ghal kollox mill-ambjent kriminali, kif tixhed il-fedina penali ghal kollox netta taghha, u li dan l-incident kollu huwa frott ta' separazzjoni karatterizzata minn pika bejniethom *piu' unica che rara*. Min-naha l-ohra, il-Qorti ma tistax tinjora l-gravita' u s-serjeta' tar-reat innifsu. L-ebda Ufficjal tal-Pulizija m'ghandu jigi strumentalizzat u jintalab jinvestiga reat li ma sehhx, semplicement biex konjugi taghti kedda lil zewggha jew biex tipprova tikseb xi vantagg fin-negozjati tas-separazzjoni tal-beni taghhom. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-piena idoneja ghal dan il-kaz ma tinkwadrax ruhha f'xi disposizzjoni tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi l-imputata la ghandha bzonn xi forma ta' sorveljanza fuqha bhal ta' Ufficjal tal-Probation, u l-anqas m'ghandha tinghata liberta' kundizzjonata taht l-istess ligi. L-anqas ma ghandha tigi inflitta piena pekunjarja f'dan il-kaz bl-applikazzjoni tal-multa, peress illi l-imputata tehtieg taghlima minn din l-istorja kollha. Li jifdal ghall-konsiderazzjoni hi allura piena li tirrestringi l-liberta' tal-persuna, u minghajr wisq dilungar, il-Qorti zgur m'hix tal-fehma li tali piena ghandha tkun effettiva, u l-anqas m'ghandha tkun minimament vicin il-massimu taghha. Ghalhekk, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti qieghedha taghti l-piena kif indikat hawn taht.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 101(1)(a), 85, 18, 338 (m), (dd) u 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputata hatja tat-tielet (3), ir-raba' (4), u l-hames (5) imputazzjoni, u ghaldaqstant tilliberaha minnhom;
Issibha hatja tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni, u tikkundannaha terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sentejn, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna, inoltre, ai termini tal-Artikolu 377(5) tal-Kap 9, lill-imputata sabiex tirritorna lura l-oggetti mehuda mill-ufficcju ta' Michael Camilleri, li b'hekk ghandu jitqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma bata l-ispoll, u dan kif ipprovdut fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 85(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna ulterjorment li l-oggetti maqbuda mill-Pulizija u esebiti f'dawn l-atti jigu rilaxxjati u jinghataw lura lill-proprjetarju legittimu taghhom.

Il-Qorti fissret il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------